MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 468/2004/1

**Martin Degabriele ezercenti l-kummerc f' isem Oasis Travel**

**vs**

**Frank Psaila**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' Ottubru, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti, in konnessjoni ma' danni kkagunati in konsegwenza ta' programm tal-kompjuter mibjugh mill-kumpanija attrici lill-konvenut, liema programm ma' jistghax jintuza u di konsegwenza jrid jinbidel.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru numru 1729/04 u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt in subizzjoni.

Ai finijiet ta’ komptenza t-talba hawn fuq indikata ma’ teccedix tlett elef u hames mitt lira Maltin (LM3,500).

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Frank Psaila fejn eccepixxa illi:

1. It-talba hi preskritta *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante illi l-konvenut ma’ kkawza l-ebda danni lis-socjeta’ attrici kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat in-nota ta’ l-Osservazzjonijiet tal-konvenutipprezentata fil-11 ta’ Settembru, 2006;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Bl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut qed jecceppixxi l-preskrizzjoni ta’ sentejn a tenur ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi illi l-azzjonijiet ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b’reat jaqghu bi preskrizzjoni bl-elghuq ta’ sentejn.

Indubbjament dina hija l-preskrizzjoni applikabbli ghall-azzjoni tentata mill-attur billi fl-Avviz stess minghajr tlaqliq l-attur jibbaza t-talba tieghu fuq l-allegazzjoni illi bil-

programm mahdum u fornit mill-konvenut huwa sofra danni u b'din l-azzjoni qed jitlob il-likwidazzjoni u hlas ta'l-istess.

L-attur ma pprezenta ebda premessa ohra biex jibbaza t-talba tieghu u ghalhekk il-Qorti trid tezamina l-provi li gew prodotti sabiex tistabbilixxi x'danni setghu gew ikkawzati lill-attur bil-funzjonament hazing, jekk ipprovat, tal-programm mahdum mill-konvenut.

Mill-provi prodotti jirrizulta stabbilit illi l-programm li nhadem mill-konvenut kien gie kkonsenjat u nstallat ghall-habta ta' Ottubru, 2001 u, wara xi aggustamenti necessarjament implikati f'xoghol ta' dan it-tip, wiehed jista' jghid illi l-programm mahdum mill-konvenut kien gie nstallat definittivament biex jiffunzjona bla tahbit ghall-bidu tas-sena 2002.

L-attur isostni pero' illi sa minn dakinhar illi l-programm suppost kellu jibda jintuza u jaghti s-servizz li ghalih kien intiz, dan kien dejjem qed jizvilluppa difetti kontinwament li kienu jirrikjedu l-intervent frekwenti tal-konvenut.

Waqt li l-konvenut isostni illi dawn l-interventi u aggustamenti huma prattika normali fit-thaddim ta' programmi, bhal ma kellhu ghamel hu fl-interess ta' l-attur, l-attur isostni illi l-programm mahdum mill-konvenut kien difettuz u li ghalhekk kellu bilfors jigi rrimedjat ghaliex fin-nuqqas ta' rimedju ta' dawn id-difetti huwa kien obbligat illi jinqeda kontinwament bis-servizzi tal-konvenut li taghhom kien qed jesigi l-hlas u illi kien anke qed isofri xi danni billi ma setghax jezercita' in-negozju tieghu kif xtaq hu.

Minhabba dan id-dizgwid bejn il-kontendenti, il-konvenut irrifjuta li jkompli jaghmel visti biex jaghmel l-aggustamenti minnhom mitluba.

Billi mill-provi prodotti jirrizulta illi sakemm il-konvenut kien baqa' jaghti s-servizzi tieghu ghad debiti aggustamenti fil-programm, l-attur ma' kienx qed isofri xi danni relatati mat-tmexxija tan-negozju tieghu, u billi nfatti l-istess attur fid-deposizzjoni tieghu sostna illi huwa ma' kienx qed

jippretendi xi kumpens tax-xoghol kollu li tilef minhabba d-difetti fil-programm, izda kien qed jippretendi rifuzjoni tal-pagamenti li ghamel biex ottjena l-programm minghand il-konvenut, u bhala danni kien qed jesigi s-somma ta' madwar elfejn lira Maltin, biex jottjeni programm gdid, u billi l-istess attur jallega wkoll fid-deposizzjoni tieghu illi r-raguni ghaliex huwa qed isofri dawn id-danni, hija precizament dak ir-rifjut tal-konvenut li jirrilaxxa s-*source codes* minn taht idejh, sabiex ikunu jistghu jsiru riparazzjonijiet jew aggustamenti minn programmer iehor, allura jidher illi d-data li huwa seta' jipprocedi bl-azzjoni ghad-danni kontra l-konvenut, hija d-data illi fiha l-konvenut kien irrifjuta illi jirrilaxxa s-*source codes* biex jistghu isiru l-aggustamenti minn terzi.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi dan id-dizgwid bejn il-kontendenti u rifjut tal-konvenut li jaghti s-*source codes* avvera ruhhu wara Mejju tas-sena 2004 u ghalhekk il-prezentata ta' l-azzjoni odjerna mill-attur fit-30 ta' Awissu 2004 kienet saret fi zmien utili u konsegwentement tichad l-ewwel eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Ghal dak li jirrigwarda t-talba li qed jaghmel l-attur ghad-danni, irid jinghad illi, bil-mod kif giet mpostata l-azzjoni u kif l-istess attur spjega x' danni kien qed jippretendi, jidher illi saret xi ftit ta' konfuzzjoni bejn dawk il-partiti li jistghu jikkostitwixxu danni mil l-funzjonament hazin tal-programm li jkun gab xi telf fil-gestjoni tan-negozju ta' l-attur u t-talba ghar-rifuzjoni tal-prezz ta' xi oggett, inkluz software, mibjugh li jirrizulta li kien difettuz, liema talba kienet tkun regolata bl-artikolu 1424 tal-Kodici Civili u li ma' timplika fiha ebda riferenza ghal xi danni illi setghu gew ikkawzati minhabba d-difett.

Infatti minn ezami akkurat tad-deposizzjonijiet tal-kontendenti rispettivi jirrizulta illi d-danni illi effettivament qed jirriskontra l-attur m' humiex provenjenti esklussivament mill-mod kif gie mahdum il-programm fornit mill-konvenut izda iktar minn nuqqas ta dak is-servizz intrinsikament marbut mal-konsenja ta' software illi

l-istess konvenut japprezza illi kellu jaghti ghal matul il-hajja funzjonanti tal-programm minnu mahdum.

Kien jinkombi fuq il-konvenut biex igib raguni legittima, permezz ta' provi sufficjenti, li setghet tezonerah milli jkompli jaghti s-servizzi lill-attur, izda ma' jirrizultax ippruvat illi l-attur kien qed jirrifjuta illi jikkumpensa lil konvenut ghal viziti frekwenti li kienu necessarji biex isir il-manteniment tal-programm u l-aggustamenti fih.

Evidentement kieku dawn il-visti, necessitati minhabba l-mod kif gie mahdum il-programm, kienu ser ikunu ta' frekwenza iktar milli kien ikun aspettat f' kazijiet u programmi simili kien ikun hemm bzonn li jsir temperament fir-rati li seta' kien ikun intitolat ghalihom il-konvenut, pero' billi l-konvenut, kif huwa ntitolat li jaghmel, irrifjuta li jhalli minn idejh is-*source codes* tal-programm minnu mahdum, l-attur gie prekluz milli jaghmel l-aggustament u manteniment illi l-istess konvenut iddikjara li huma intrinsikament marbutin mal-funzjonament regolari tal-programm u allura, nonostante illi l-attur ghadu jaghmel uzu mill-programm tal-konvenut, dan l-uzu li qed jaghmel, m' huwiex dak l-uzu illi l-programm kien intiz illi jsir minnhu. Infatti l-impjegati ta' l-attur li xehedu f' din il-kawza ddikjaraw illi hafna mix-xoghol illi kellu jkun iddestinat ghal mezzi komputerizzati, ur minhabba n-nuqqas ta' aggustamenti li kellhom isiru fil-programm, baqghu jinhadmu bl-idejn u allura l-attur mhux qed jibbenefika mill-vantaggi kollha tan-nefqa tieghu ta' disa' mitt lira Maltin (LM900) li kien il-valur tal-programm komplet li gie mhallas.

Ghaldaqstant l-attur huwa gustifikat illi jitlob kumpens in linea ta' danni illi huwa qieghed isofri minhabba illi l-haddiema tieghu ghad iridu jaghmlu xoghol li tieghu qeghdin jithallsu illi suppost kien destinat ghall-programm tal-konvenut.

Izda dawn id-danni ma' jistghu jinkludu l-akkwist ta' programm gdid minghand *programmer* iehor. L-attur seta', a diskrezzjoni esklussiva tieghu, jakkwista *software* iehor kif u meta hass in-necessita', izda d-danni xorta wahda

kienu jkunu dawk li kienu jirriflettu n-nefqa limitata li l-attur kien ikollu jaghmel sabiex jirrimedja ghal frekwenzi ta' aggustamenti u viziti illi l-programm tal-konvenut sfortunatament kien jirrikjedi.

Billi fin-nuqqas ta' konsenja tas-*source codes*, dawn l-aggustamenti ma' kienux possibbli ghall-attur u billi l-Qorti hija konvinta illi anke ghal dawk l-aggustamenti frekwenti u ghal xoghol zejjed illi riedu jaghmlu l-impjegati ta' l-attur biex jirrimedjaw ghan-nuqqasijiet fil-programm ta' l-attur, in-nefqa kienet ser tissupera sew is-somma ta' hames mitt lira Maltin (LM500), almenu sakemm l-attur jiddeciedi li jistalla programm gdid minghand terzi persuni, il-Qorti qeghdha *arbitrio boni viri* tistabbilixxi illi d-danni kollha sofferti mill-attur ghandhom jigu likwidati fis-somma ta' sitt mitt lira Maltin (LM 600), u qeghdha effettivament tillikwida bhala danni sofferti mill-attur is-somma ta' sitt mitt lira Maltin (LM600) u tilqa' t-talba attrici f' dan is-sens u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma in linea ta' danni likwidati, is-somma ta' sitt mitt lira Maltin (LM 600).

In vista ta' dak illi ppretenda l-attur u dak li gie likwidat, il-Qorti qeghdha tordna li l-ispejjez jithallsu in kwantu ghal kwart mill-konvenut u tlett kwarti mill-attur.**"**

Il-konvenut hassu aggravat b' din is-sentenza u interpona appell minnha biex jitlob ir-revoka taghha. L-obbjezzjonijiet principali tieghu huma s-segwenti:-

(1) L-ewwel Qorti ma setghetx tikkundannah fuq il-kawzali kif proposta, inerenti ghall-istitut tal-bejgh;

(2) L-ewwel Qorti lanqas ma setghet tibdel dak mitlub mill-attur biex taghmlu jikkonsisti f' nuqqas ta' servizz intrinsikament marbut mal-konsenja ta' *software*. Hu jissottometti illi ma kien jezisti ebda ftehim ta' "*after sales service*" u allura lanqas ma setghet issib responsabilita` fih ghal danni kuntrattwali;

Hu fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti necessarju illi, qabel kollox, jigi inkwadrat ix-xorta ta' rapport negozjali

bejn il-kontendenti, in kwantu hu minn tali rapport li jrid jigi stabbilit u determinat jekk il-pretensjoni attrici ghad-danni pretizi hijiex guridikament u legittimament fondata;

Il-konvenut hu *computer programmer* li gie kommissjonat mill-attur biex jaghmillu programm ta' *software* in konnessjoni man-negozju ta' l-istess attur fil-qasam ta' l-ivvjaggar u t-turizmu. Kif ahjar spjegat mix-xhud Philip Loporto (fol. 46), dan mhux programm li wiehed jixtrieh imma hu prodott appozitament ghal htigijiet tal-klijent. Jinvolvi, kif hekk iddikjarat mill-appellant innifsu fir-rikors ta' l-appell tieghu, xoghol intellettwali. Fil-hsieb tal-Qorti kuntratt bhal dan ta' opra intellettwali jipprezenta fih elementi li jqeghduh fil-kategorija ta' dik il-figura guridika rapprezentata mil-*locatio operis* kif din hi definita fl-Artikolu 1623 Kodici Civili. Dan ghar-raguni illi, a differenza mill-vendita, fil-kuntratt ta' opra tezisti l-prevalenza ta' l-obbligazzjoni *di fare* fuq dik *di dare*. Fi kliem iehor, l-element preponderanti fil-kuntratt ta' opra hi l-attivita` intellettwali u dan jiddifferenzja ruhu minn dak tal-bejgh, fejn l-element baziku huwa l-oggett innifsu li jigi kkonsenjat;

Ferma din l-introduzzjoni, jikkonsegwi illi l-element karatterizzanti l-kuntratt bejn il-partijiet ma kienx strettament dak ta' bejgh imma dak ta' l-attivita` intellettwali tal-prestazzjoni u l-kompiment taghha bhala oggett tal-ftehim. Kuntratt simili ma kellux allura jgib, b' applikabilita`, in-normi relattivi ghall-preskrizzjonijiet ghad-difett mohbi fl-oggett vendut ex-Artikolu 1431 Kodici Civili jew dak relattiv ghal konsenja ta' l-oggett mibjugh mhux tal-kwalita` pattwita, ex-Artikolu 1407 ta' l-istess Kodici. F' certu sens, hu allura gustifikat l-appellanti meta jissottometti illi l-azzjoni esperita, in kwantu bazata fuq il-kawzali tal-bejgh ta' *computer programme*, giet malament formulata. Naturalment din il-Qorti ma tistax imbaghad tammetti l-argoment tieghu illi in vista ta' dik il-kawzali malament proposta l-Qorti ma setghetx tghaddi 'l quddiem biex tinvesti t-talba ghal kundanna tad-danni;

Minn ezami ta' l-Artikolu 171 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili huwa evidenti illi l-kawzali mhix element

necessarju ta’ l-Avviz quddiem il-Qrati Inferjuri u huwa bizzejjed li f’ dan l-att, barra mill-firma tar-Registratur, ikun hemm l-ismijiet tal-partijiet, it-talba ta’ l-attur u d-data u l-hin li fihom il-konvenut ghandu jidher. Hemm imbaghad l-Artikolu 213 ta’ l-istess Kodici ritwali illi jekk ma tigix ipprovata t-talba kif imfissra fl-att imma jkun provat jedd iehor ghad li dan il-jedd l-iehor ma jkunx imdahhal sewwa fit-talba originali, il-qorti tista’ tiddeciedi fuq dan il-jedd l-iehor kif ikun gie hekk ipprovat, fuq l-istess att. L-enuncjazzjonijiet tal-Qrati taghna ma jhallux dubju illi fil-kaz ta’ domanda quddiem Qrati Inferjuri, “*la legge è meno rigorosa quanto alla forma della stessa, che se fosse introdotta in una Corte Superiore*” (**Kollez. Vol. XXIV P I p 615**. Ara wkoll **Vol. XL P I p 625** u “**Donald Darmanin -vs- Direttur tal-Portijiet**”, Appell Inferjuri, 9 ta’ Novembru 1977);

Premess dan, din il-Qorti ma ssibx li tista’ mbaghad taqbel mar-ragonament ta’ l-ewwel Qorti illi d-danni lamentati mill-attur kellhom aktar konessjoni man-nuqqas ta’ servizz marbut mal-konsenja tas-*software* milli mal-programm innifsu. Fuq il-valutazzjoni taghha tal-kumpless tal-provi jidher li l-lanjanza preponderanti ta’ l-attur hi koncentrata fuq il-funzjonament inadegwat tal-programm, senjatament fis-settur tal-pagi, tant li l-impjegati tieghu kien ikollhom jirrikorru ghal *re-checking* manwali tal-kalkoli. Ara deposizzjonijiet ta’ l-attur (fol. 10) u ta’ l-impjegati Joanne Sammut (fol. 13) u Melanie Borg (fol. 15). Anke jekk l-ezistenza tad-difetti mhux ammessa mill-appellanti, dan jirrikonoxxi fl-Affidavit tieghu (fol. 30) illi l-attur kien jinsisti mieghu li l-problemi riskontrati kienu insiti fil-programm u mhux fl-uzu tieghu. Mhux zmentit lanqas mill-appellant illi l-attur frekwentement kien ikollu jirrikorri ghandu permezz ta’ diversi telefonati biex jigi jaghmel l-aggustamenti jew riparazzjonijiet okkorrenti;

Jinsab ritenut illi meta wiehed jigi inkarigat jippresta opra, jew jaghti xoghol jew servizz, hu mistenni li hu jiggarantixxi l-bonta ta’ dik l-opra jew xoghol tieghu in kwantu implicita fil-ftehim. Ara **Kollez. Vol. XL P I p 485**. Dan ighodd ugwalment ghal min jaghmel opra intellettwali bhal ma hu s-*software*, in kwantu il-

funzjonament tajjeb tieghu jikkostitwixxi certament element indispensabbli u intrinsiku. Jinghad a propozitu mill-**Qorti Taljana ta' Kassazzjoni** (22 ta' Marzu 1999, Numru 2661, citata a pagna 1492 fl-opra tal-**Franzoni** ("**Le Obbligazioni**") illi, "*in un contratto di fornitura di un sistema informatico ove l' alienente si impegna contrattualmente a garantire il buon funzionamento, sussiste inadempimento di non scarsa importanza in ogni caso in cui il funzionamento del sistema non raggiunge in concreto il risultato previsto*";

Meta allura, bhal f' dan il-kaz, jinstab li l-opra hi deficjenti fil-funzjonalita` proprja taghha u dik id-deficjenza tkun sew u tempestivament iddenunzjata, it-tutela li l-ligi takkorda lill-kommittent trid tinkwadra ruhha fl-ambitu generali ta' dik ir-responsabilita` kuntrattwali ghall-inadempiment. Inadempiment dan li jaghti lok ghar-rifuzzjoni tad-danni. Ara Artikolu 1125 Kodici Civili u **Kollez. Vol. XXIX P I p 611**. Fil-fattispeci, jezistu l-presupposti ghas-success tat-talba ghar-rizarciment tad-danni, anke ghaliex ma jistax jigi accettat illi opra destinata li tipperdura fiz-zmien tigi, kwazi mill-bidunett, u b' mod ripetibbli, soggetta ghal riparazzjonijiet u aggustamenti ghax ma tkunx giet ezegwita b' dik id-diligenza tal-*bonus paterfamilias* li jippreciza l-Artikolu 1132 tal-Kodici Civili;

Jirrizulta illi l-attur akkwieta ruhu ghas-sentenza u ma interponiex appell minnha. Konsegwentement la ma tqajjem ebda aggravju fuq il-kwantum tad-danni likwidati, ankorke din il-Qorti ghamlet kunsiderazzjonijiet xort' ohra minn dawk ta' l-ewwel Qorti, mhux il-kaz li jigi disturbat l-ammont minn kif likwidat.

Ghal motivi kollha premessi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------